# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Gimgha 12 ta’ Jannar, 2001 .

### Citazzjoni numru : 179/98G1(PC)

**Gioacchino sive Jack Galea**

**vs**

**John Galea .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li premetta :**

**Illi flimkien mal-konvenut, l-attur huwa komproprjetarju fl-istess kwota ta’ fond numru 32 u 33 Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, u l-istess konvenut ghandu c-cwievet tal-istess fond .**

**Illi minn xi zmien ‘l hawn l-istess konvenut qed jippossjedi l-istess fond ad eskluzzjoni tal-esponenti u anke ta’ xi komproprjetarji ohrajn, b’tali mod li sahansitra qieghed idahhal lill-barranin ukoll fil-post ad insaputa tal-esponenti u xi komproprjetarji ohrajn .**

**Illi r-rifjut tal-konvenuti li jghaddi cavetta jew kopja taghha a spejjez tal-istess attur gie ukoll ikkonfermat f’korrispondenza li ghaddiet bejn il-kontendenti, u ghadu sal-lum jirrifjuta li jghaddi kopja ta’ l-istess cavetta u b’dan il-mod qieghed icahhad lill-attur u lil komproprjetarji l-ohra mid-dgawdija tal-fond kif ghandhom dritt skond il-ligi .**

**Illi komproprjetarju iehor, u cioe’ Ewkaristiku Camilleri kkonferma f’risposta ghal ittra ufficjali mibghuta mill-attur, li c-cavetta tal-fond imsemmi tinsab ghand il-konvenut .**

**Illi l-attur ghandu dritt ta' tgawdija daqs il-komproprjetarji l-ohra tal-fond imsemmi, u ghalhekk kellu jirrikorri ghal dina l-kawza .**
**Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddijara li l-attur, bhala komproprjetarju tal-fond numru 32 u 33 Triq Dun Xand Aquilina, ghandu dritt ta' tgawdija daqs il-komproprjetarji l-ohra tal-istess fond .**
2. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jghaddi kopja tac-cavetta tal-istess fond .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju 1998 u tal-ittra bonarja tat-3 ta' Awissu, 1998, kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu mahlufa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :**

1. **Illi din il-kawza saret intempestivament stante illi l-esponenti qatt u b'ebda manjiera ma gie interpellat mill-attur qabel il-prezentata tal-istess, sabiex jikkonsenjalu kopja tac-cavetta tal-fond de quo, u ghalhekk l-esponenti ma ghandu jbati ebda parti mill-ispejjez ta' din l-istess kawza . L-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju, 1998 u l-ohra bonarja tat-3 ta' Awissu, 1998 ma kienux indirizzati lill-esponenti izda lil terzi persuni, u certament intima lil terza persuna ma tista' qatt tiswa bhala intima lill-esponenti .**
2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, talba simili ghal dik odjerna trid necessarjament tigi indirizzata lill-komproprjetarji kollha u mhux lil wiehed . Fil-kaz odjern, l-esponenti huwa wiehed minn fost ghexieren ta' komproprjetarji, u ghalhekk f'dan is-sens ukoll il-gudizzju mhux integru u l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju .**
3. **Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti kien ikkonsenja c-cavetta tal-fond lill-avukat Carmelo Galea kif appena huwa sema bil-pretensjoni tal-attur illi jkollu kopja tac-cavetta sabiex b'hekk zgur illi jevita illi jindahal fi kwistjonijiet gudizzjarji - mossa illi sfortunatament ma swiet ghal xejn minhabba l-ghatx tal-attur illi jipprocedi kontra l-esponenti fuq kwalunkwe skuza u ghalhekk it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti ma jistghu qatt jigu milqugha .**
4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .**
**Ikkunsidrat :**

**Illi permez ta' din il-kawza l-attur ried li l-konvenut jigi mgieghel minn din il-Qorti jikkonsenjalu kopja tac-cavetta tal-fond gewwa Sannat, Ghawdex, li tieghu huwa kien komproprjetarju bhall-konvenut . Irrizulta pero' illi fil-mori tal-kawza, anzi xahar biss wara li kienet giet intavolta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, l-attur ceda l-mertu tal-kawza billi kien inghata kopja tac-cavetta mitluba . Il-partijiet pero' baqghu ma qablux dwar il-kap ta' l-ispejjez u ghalhekk komplew jikkontestaw il-kawza prezenti fuq il-kwistjoni ta' min ser ibati l-ispejjez .**

**Mix-xhieda mismugha u d-dokumenti dwar korrispondenza li kien hemm bejn il-kontendenti, jirrizulta illi c-cavetta in kwistjoni kienet giet konsenjata lill-konvenut minn Eucharist Camilleri, komproprjetarju iehor li f'idejh spiccat ic-cavetta in segwitu ghal-mewt taz-zija tal-kontendenti, u dana biex ikun jista' juri l-fond lil xi proposti kumpraturi . Dan kien sar bil-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra, hlief ghall-attur, li ried li jkollu cavetta huwa wkoll . Il-konvenut pero' rrifjuta li jikkonsenja kopja tac-cavetta lil huh l-attur, billi ma' Eucharist Camilleri kien baqa' li ma jaghtiha lil hadd jekk mhux bil-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra .**

**Gara pero' li John Camilleri, komproprjetarju iehor, ukoll xtaq kopja tac-cavetta u ghalhekk ftehmu li jkellmu lill-avukat Dottor Carmelo Galea dwar x'kellhom jaghmlu . Dottor Galea ssugerixxa illi c-cavetta tinzamm ghandu u jghaddi kopja lill-avukat di fiducja ta' l-attur . L-attur pero' dan l-arrangament ma ghogbux u pproceda bil-kawza prezenti . Il-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu jghid illi huwa qatt ma rrifjuta li jaghti kopja tac-cavetta lill-attur . Infatti kopja ta' din ic-cavetta, kif gia nghad, giet ikkonsenjata lilu ftit wara li giet intavolata l-kawza . Imma fid-depozizzjoni tieghu waqt is-smiegh tal-kawza, jammetti illi dan ma riedx jaghmlu minghajr il-kunsens ta' Eucharist Camilleri li kien ghaddielu c-cavetta .**

**Minn naha l-ohra, l-attur jidher illi ghaggel daqsxejn izzejjed biex jipprezenta din il-kawza, meta l-istess setghet facilment tigi evitata bi ftit ta' buona volonta u fiducja reciproka bejn il-kontendenti, li huma fuq kollox ahwa . Mehud in konsiderazzjoni l-valur daqstant minimu ta' l-ispejjez involuti fil-kawza prezenti, in-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet dwar il-kap ta' l-ispejjez ma jistghax ma jitqiesx ghajr bhala frott ta' pika familjari bejniethom u xejn aktar .**

**F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss illi m'ghandha taghti ragun jew tort lil hadd mill-kontendenti ghaliex ippersistew li jkomplu bil-kawza, u ghazlu li jibqghu jahlu l-hin prezzjuz tal-Qorti meta hemm daqstant xoghol iehor ferm aktar importanti u serju x'jigi deliberat . Ghalhekk jidhrilha illi ghandhom ibati l-konsegwenzi ta' dan l-agir taghhom ugwalment bejniethom .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza dwar il-kap ta' l-ispejjez, billi tiddikjara illi dawn ghandhom jigu ssopportati ugwalment bejn il-kontendenti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S17998Pc
1048